# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tnejn 31 ta` Ottubru 2016**

**Kawza Nru. 9**
**Rik. Nru. 573/16 JZM**

**Fl-atti tar-rikors ta` Dr Stanley Portelli, detentur tal-karta tal-identita` numru 163472M ta` Dar il-Barbagann, Triq Strejnu, Zejtun, fil-kapacita` tieghu ta` direttur fil-kumpannija Real Stone Capital Limited (C65439), liema rikors qed isir taht l-artikolu 279(2) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta**

**Il-Qorti :**

## I. <u>Preliminari</u>

Rat ir-rikors li pprezenta Dr Stanley Portelli bhala direttur tal-kumpannija Real Stone Capital Limited (C65439) fl-14 ta` Lulju 2016 a tenur tal-**<u>Art 279(2) tal-Kap 386</u>**.

Ir-rikors jaqra hekk :–

*Illi l-kumpannija Real Stone Capital Limited tinsab fi problemi finanzjarji li wasslu ghall-insolvenza taghha kif ser jigi spjegat f`dan ir-rikors, u dan ghar-ragunijiet segwenti :*

*Il-kumpannija kienet offriet u harget numru ta` fixed interest rate unsecured bonds favur investituri prospettivi u dan tramite Private Placement Memorandum [Dok '**A**'] ;*

*Il-valur ta` dawn il-bonds mahruga mill-kumpannija jammontaw kumplessivament ghas-somma ta` €1,700,000, liema bonds jimmaturaw favur l-investituri fis-17 ta` Ottubru 2016 skont it-termini tal-imsemmi tal-Private Placement Memorandum ;*

*Bil-flus li l-kumpannija rceviet mis-sottoskrizzjonijiet tal-investituri ghal dawn il-bonds, il-kumpannija avvanzat self lil certi Adriano Cambria u Filippo Cambria domiciljati fl-Isvizzera fl-ammont ta` 2,000,000 Franki Svizzeri (li bejn wiehed u iehor huma ekwivalenti ghall-valur tal-bonds bil-valuta tal-Ewro) permezz ta` kuntratt ta` self datat 8 ta` Awwissu 2014, bil-kundizzjoni li dan is-self jithallas lura lill-kumpannija fi zmien sentejn mid-data tal-kuntratt tas-self ;*

*Irrizulta pero` li Cambria m`humiex ser ihallsu lura l-ammont misluf lilhom mill-kumpannija ;*

*Addirittura permezz ta` decizjoni moghtija f`Gunju 2016 mill-Pretore del Distretto di Lugano fl-Isvizzera fuq istanza tal-kumpannija fil-konfront ta` Cambria [Dok 'B'], il-kumpannija giet kanonizzata bhala kreditur ghalkemm l-ezekuzzjoni ta` dan il-kreditu mhix possibbli li ssir ;*

*Il-konsegwenza ta` dan kollu hija li l-kumpannija spiccat f`pozizzjoni li ma setghetx u ma tistax tonora l-obbligi taghha fil-konfront tal-investituri li ssottoskrivew ghall-bonds mahruga minnha billi ma tistax thallas lura l-flus investiti minnhom u ghaldaqstant tinstab fi stat ta` insolvenza.*

*Illi fit-22 ta` Frar 2016 saret laqgha generali straordinarja tal-kumpannija li giet imsejha mill-Bord tad-Diretturi tal-kumpannija ai termini tal-Artikolu 329A tal-Att dwar il-Kumpanniji [Dok 'C'], li fiha gie diskuss x`kienu l-passi necessarji li kellhom jittiehdu sabiex is-sitwazzjoni finanazjarja tal-kumpannija tigi ndirizzata u gie kkunsidrat jekk il-*

*kumpannija kellhiex tigi xjolta jew altrimenti kellhiex tghaddi mill-procedura ta` company recovery.*

*Illi d-detenturi tal-bonds imsemmija mahruga mill-kumpannija gew precedentement notifikati li kienet ser issir din il-laqgha u gew avzati bid-diffikultajiet potenzjali tal-persuni li sselfu l-flus minghand il-kumpannija li jonoraw il-pagamenti tas-self kif miftiehem, u kif ukoll bil-problemi ta` likwidita` tal-kumpannija bil-konsegwenza li kien ser ikun difficli ghall-istess kumpannija li tonora l-obbligi taghha fil-konfront tad-detenturi tal-bonds [Dok 'D'].*

*Illi wara li fil-kors ta` din il-laqgha generali straordinarja gew esplorati l-possibilitajiet kollha fil-ligi sabiex tinstab soluzzjoni ghall-qaghda finanzjarja tal-kumpannija, irrizulta evidenti li l-kumpannija tinstab fi stat ta` insolvenza u li mhix f`pozizzjoni li thallas id-debitu taghha u ghalhekk il-membri tal-kumpannija qablu li l-kumpannija ghandha tigi xjolta u konsegwentement stralcjata volontarjament ai termini tal-ligi.*

*Illi sussegwentement fis-16 ta` Gunju 2016 il-kumpannija ghaddiet rizoluzzjoni bil-miktub iffirmata mill-membri kollha tal-kumpannija ghax-xoljiment skont l-Artikolu 265 tal-Att dwar il-Kumpanniji (Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta) [Dok 'E']. Permezz tal-istess rizoluzzjoni giet iffissata d-data tal-laqgha tal-kredituri tal-kumpannija kif mehtieg mill-Artikolu 278(1) tal-Att dwar il-Kumpanniji, liema laqgha sehhet fit-30 ta` Gunju 2016 fl-ufficju registrat tal-kumpannija. Inoltre, id-direttur u/jew is-segretarju tal-kumpannija gew awtorizzati sabiex jipprezentaw il-Form B1 (Notice of a Resolution for dissolution and consequential voluntary winding up) mar-Registratur tal-Kumpanniji [Dok 'F'] skont il-ligi, inkluz li jigi ppubblikat avviz tal-laqgha tal-kredituri fuq gazzetta wahda ta` kuljum (din giet datata 16 ta` Gunju 2016 u reza pubblika fit-30 ta` Gunju 2016) [Dok 'G']. Barra minn dan, gie rizolt ukoll li fin-nuqqas ta` nomina ta` stralcjarju mill-kredituri tat-30 ta` Gunju 2016, jigi nominat stralcjarju ai termini tal-Artikolu 279 tal-Kap. 386.*

*Illi hekk kif rizolt fir-rizoluzzjoni tas-16 ta` Gunju 2016, il-laqgha tal-kredituri sabiex jigi nominat stralcjarju saret fit-30 ta` Gunju 2016 [Dok 'H'] li ghaliha minkejja li l-kredituri kienu debitament notifikati bl-istess laqgha [Dok 'I'], l-ebda kreditur ma kien prezenti jew altrimenti assista ghal-laqgha. Fic-cirkostanzi, id-direttur tal-kumpannija Stanley Portelli (wara li halla bizzejjed hin wara dak konvenut sabiex forsi jattendi xi kreditur) qieghed*

*quddiem il-laqgha tal-kredituri dikjarazzjoni shiha tal-qaghda finanzjarja tal-kumpannija, flimkien ma` lista tal-kredituri tal-kumpannija u l-ammont stmat tat-talbiet taghhom hekk kif rikjest jaghmel skont l-Artikolu 278(2) tal-Kap. 386.*

*Illi dwar in-nomina tal-istralcjarju, gjaladarba hadd mill-kredituri ma kien prezenti ghal-laqgha tal-kredituri tat-30 ta` Gunju 2016, ma gie nominat l-ebda stralcjarju. Konsegwentement, f`dan l-istadju d-direttur tal-kumpannija huwa obbligat skont l-Artikolu 279(2) tal-Kap. 386 li jipprocedi b`dawn il-proceduri odjerni ghall-hatra ta` stralcjarju minn dina l-Onorabbli Qorti. F`dan ir-rigward, u bil-permess tal-Qorti, l-esponenti umilment ihoss li jista` jissuggerixxi lil Michael Spiteri Bailey, detentur tal-karta tal-identita` numru 316179(M) ta` 22, Sir Augustus Bartolo Street, Ta` Xbiex, Malta sabiex jigi kunsidrat ghall-hatra minn din il-Qorti bhala stralcjarju tal-kumpannija.*

*Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq moghtija, ir-rikorrenti jitlob umilment u bir-rispett li, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni ohra xierqa, necessarja u opportuna, din l-Onorabbli Qorti joghgobha tahtar stralcjarju tal-kumpannija Real Stone Capital Limited (C 65439) ai termini tal-Artikolu 279(2) tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta.*

Rat id-dokumenti kollha li kienu prezentati mar-rikors.

Rat in-nota <u>kongunta</u> li pprezentaw Dr Stanley Portelli bhala direttur tal-kumpannija Real Stone Capital Limited u l-istess Real Stone Capital Limited li taqra hekk :–

*(i) fil-waqt illi jaghmlu referenza ghar-rikors ipprezentat minn Dr Stanley Portelli nhar l-14 ta` Lulju, 2016, b`mod specifiku fejn jispjega fid-dettal il-procedura ta` xoljiment tal-kumpannija Real Stone Company Limited (C 65439), u kif ukoll jirreferi ghall-process ghal-hatra ta` stralcjarju, liema process gie rizolt nhar is-16 ta` Gunju, 2016 permezz ta` rizoluzzjoni mehuda mill-membri kollha tal-kumpannija, itennu li dan il-process kien jinvolvi laqgha tal-kredituri sabiex jinnominaw stralcjarju skont l-artikolu 265 tal-Att dwar il-Kumpanniji (Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta) u minkejja li l-kredituri gew debitament notifikati bl-istess laqgha li kienet skedata li ssir nhar it-30 ta` Gunju 2016, ebda kreditur ma kien prezenti jew altrimenti assista ghaliha.*

*(ii) il-kumpannija esponenti Real Stone Capital Limited, bhala parti nteressata, tiddikjara li ma ghandha l-ebda oggezzjoni ghat-talba mressqa mir-rikorrent Dr Stanley Portelli sabiex jinhatar stralcjarju tal-istess kumpannija esponenti, u illi taqbel ukoll mas-suggeriment tal-istess rikorrent ghall-hatra ta` Michael Spiteri Bailey fir-rwol ta` stralcjarju.*

*(iii) jezebixxu dikjarazzjoni mahlufa minn Michael Spiteri Bailey li permezz taghha jikkonferma li huwa ma ghandu l-ebda oggezzjoni li jinhatar bhala stralcjarju tal-kumpannija esponenti Real Stone Capital Limited.*

*(iv) l-esponenti umilment u bir-rispett iqisu illi dina l-Onorabbli Qorti tista` tghaddi sabiex tahtar l-istralcjarju minghajr il-htiega li tinzamm is-seduta tas-16 ta` Settembru 2016, anke ghaliex f`dan l-istadju ma jkunx jaghmel sens li l-kumpannija tibqa` fi stat ta` limbu minghajr stralcjarju u fi stat ta` insolvenza ghal gimghat shah u dan wara kollox fl-interess kemm tal-kredituri tal-kumpannija Real Stone Company Limited u kif ukoll fl-interess tal-istess kumpannija.*

Rat id-dokument li kien anness man-nota.

Rat id-digriet taghha tal-1 ta` Awwissu 2016 fejn appuntat ir-rikors ghas-smigh ghall-udjenza tas-16 ta` Setembru 2016 fid-9.00 a.m. Ir-Registratur tal-Kumpanniji kien notifikat bl-atti.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-16 ta` Settembru 2016.

Rat illi fl-20 ta` Settembru 2016, ir-rikorrent ikkonferma bil-gurament il-kontenut tar-rikors promotur skont kif kien dirett jaghmel mill-Qorti fl-udjenza tas-16 ta` Settembru 2016.

Rat id-digriet li tat fl-istess udjenza fejn halliet ir-rikors ghal provvediment ghal-lum.

## II. Fatti

Il-fatti li wasslu ghall-presentata tar-rikors jirrizultaw mill-korp tar-rikors. Huma korraborati minn dokumenti li kienu prezentati mar-rikors. Kienu wkoll konfermati bil-gurament mir-rikorrent.

## III. **Konsiderazzjonijiet**

It-Titolu II tal-Kap 386 jigbor fih id-disposizzjonijiet li jirregolaw ix-xoljiment u l-istralc konsegwenzjali ta` kumpanniji. It-Titolu II ghandu tliet Sub-Titoli :-

Is-Sub-Titolu I - kompost minn hames kapitoli (ara l-Art 218 sa l-Art 264) - jinkorpora d-disposizzjonijiet tal-ligi li jirregolaw "Stralc mill-Qorti".

Is-Sub-Titolu II – kompost minn erba` kapitoli (ara l-Art 265 sa l-Art 294) – jirregola l-"Stralc Volontarju".

Is-Sub-Titolu III – kompost minn sitt kapitoli (ara l-Art 295 sa l-Art 326) jigbor id-disposizzjonijiet tal-ligi li huma applikabbli ghal kull xorta ta` stralc.

Kif jirrizulta mill-atti ta` l-procediment tal-lum, ix-xoljiment u l-istralc tal-kumpannija Real Stone Capital Limited saret abbazi tal-Art 214(1)(b) tal-Kap 386 tant li r-Registratur tal-Kumpanniji rcieva l-Form B1 minghand is-segretarju tal-kumpannija fl-24 ta` Gunju 2016 skont l-Art 265(1) tal-Kap 386 (Dok F a fol 81).

Il-Qorti rat id-disposizzjonijiet tal-Kap 386 li ghalihom saret riferenza fir-rikors promotur u disposizzjonijiet ohra li huma rilevanti ghall-kwistjoni.

Tirreferi in partikolari ghall-**Art 279 tal-Kap 386** li jaqra hekk :-

*(1) Il-kredituri u l-kumpannija fil-laqghat rispettivi taghhom imsemmija fl-artikolu 278 jistghu jinnominaw persuna biex tkun stralcjarju ghall-fini tal-istralc tal-affarijiet u tqassim tal-attiv tal-kumpannija. Il-persuna nominata bhala stralcjarju mill-kredituri ghandha ssir b'rizoluzzjoni tal-kredituri, u n-nomina mill-kumpannija ghandha ssir b'rizoluzzjoni straordinarja tal-kumpannija. U jekk il-kredituri u l-kumpannija jinnominaw persuni differenti, il-persuna nominata mill-kredituri tkun l-istralcjarju, u*

*jekk ebda persuna ma tkun nominata mill-kredituri, il-persuna, jekk ikun hemm, nominata mill-kumpannija ghandha tkun stralcjarju.*

***(2) Fejn ebda persuna ma tkun nominata bhala stralcjarju jew mill-kredituri jew mill-kumpannija, kull direttur tal-kumpannija ghandu jaghmel rikors lill-qorti ghall-hatra ta' stralcjarju fi zmien erbatax-il jum wara d-data li fiha il-laqgha tal-kredituri msemmija fl-artikolu 278 tkun giet imsejha, u l-hatra ssir mill-qorti.***

*(3) Fin-nuqqas tad-diretturi li jharsu d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2), kull direttur li jkun fin-nuqqas jista jehel penali u ghal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas, penali ohra.*

*(4) Stralcjarju mahtur skont id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu jista' jitnehha b'rizoluzzjoni tal-kredituri hlief meta jkun inhatar mill-qorti skont l-artikolu 278 jew skont dan l-artikolu.*

*(5) F'dan l-artikolu, rizoluzzjoni tal-kredituri ghandu jkollha l-istess tifsir kif moghti lilha taht l-artikolu 298.*

Qabel mexxiet bil-procedura tal-lum, is-socjeta` qaghdet mal-procedura skont l-Art 278 tal-Kap 386. Kien ghaliex il-kredituri ma dehrux ghal-laqgha, u b`hekk ma setghetx issir il-hatra ta` stralcjarju, illi kien inizjat il-procediment tal-lum. Fic-cirkostanzi il-Qorti mhijiex tara li ghar-regolarita` ta` dan il-procediment kienet mehtiega n-notifika tal-kredituri bir-rikors promotur ; dan apparti l-fatt li lanqas il-ligi stess ma tinsisti ghan-notifika tal-kredituri. Ma huwa fl-interess ta` hadd inkluz tal-kredituri illi wara li tkun xjolta kumpannija, l-istralc jibqa` pendenti ghaliex ma jkunx mahtur stralcjarju. Il-hatra ta` stralcjarju, u t-twettieq da parti tieghu tal-obbligi tieghu skont is-setghat li taghti l-ligi, huma essenzjali. Ghar-rigward tal-ghazla tal-persuna, il-Qorti mhijiex sejra toqghod fuq l-isem propost mir-rikorrent izda sejra taghmel l-ghazla taghha.

**<u>Provvediment</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tipprovdi dwar it-talba tar-rikorrent fil-kwalita` tieghu premessa billi, bl-applikazzjoni tal-Art 279(2) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta, qeghda tahtar lill-Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino bhala stralcjarju tal-kumpannija Real Stone Capital Limited (C65439) bis-setghat u bl-obbligi kollha previsti mill-Kap 386.**

**L-ispejjez kollha tal-procediment tal-lum ghandhom jithallsu mir-rikorrent fil-kwalita` tieghu premessa.**

**L-ispejjez u d-drittijiet kollha tal-istralcjarju ghandhom jithallsu mir-rikorrent proprio u mill-kumpannija Real Stone Capital Limited (C65439) *in solidum* bejniethom, u dan bl-applikazzjoni tal-Art 236(2) tal-Kap 386.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**